**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 235 tat-3 ta' Frar 2015**

Fis-Seduta tal-bieraħ, 2 ta' Frar 2015, l-Onor. David Agius eżattament wara l-*question time* staqsa lis-Sedja hekk:

> "Sur President, b'referenza għal Mozzjoni Nru 211 li l-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Marthese Portelli għamlu għal dibattitu biex il-Gvern iraħħas minnufih il-prezzijiet tal-*petrol* u d-*diesel* u abbażi wkoll tal-fatt li tkellimt mal-*Whip* tan-naħa tal-Gvern u tlabt li nsibu qbil bejnietna biex nhar il-Ħamis li ġej – anke skont kif jgħidu l-i*Standing Orders* u anke kif hemm *rulings* min-naħa tiegħek – tiġi diskussa din il-mozzjoni, imma jidher li m'hemmx qbil – għall-inqas kif qed nifhem jien – li nhar il-Ħamis nagħmluha. Jien għall-inqas xtaqt nisma' lin-naħa tal-Gvern jekk hemmx qbil li ssir b'mod uffiċjali. Naf li tkellimna jien u l-*Whip* tan-naħa tal-Gvern dwar dan, però nixtieq nirreġistraw jekk hemmx dan il-qbil fil-Kamra ħalli fil-każ imbagħad nagħmel it-tieni pass wara dak."

Hawnhekk is-Sedja tat il-kelma lill-Onor. Godfrey Farrugia, il-*Whip* tal-Gvern, u dan irrisponda hekk:

> "Sur President, m'hemmx qbil. Il-mozzjoni ġiet ippreżentata t-Tnejn li għadda, bħal-lum ġimgħa. Minn dakinhar 'l hawn aħna ddiskutejnieha fil-grupp parlamentari, bħalma jaf il-*Whip* tal-Oppożizzjoni, u tajnieh id-deċiżjoni li aħna nistgħu niddiskutuha nhar il-11 ta' Frar. Kellna diskussjonijiet u r-raġuni hija li ma nistgħux niddiskutuha din il-ġimgħa, it-Tlieta u l-Erbgħa, għaliex se jkun hemm numru ta' ministri, inkluż il-Prim Ministru u l-Viċi Prim Ministru, li se jkunu fuq xogħol barra minn Malta, apparti li anke l-kelliem ewlieni dwar l-enerġija huwa msiefer ukoll. Għaldaqstant jiena ssuġġerejtlu li minflok fil-11 ta' Frar nagħmluha fid-9 ta' Frar, jiġifieri nhar it-Tnejn, l-ewwel ġurnata li fiha jiltaqa' dan il-Parlament wara li jaġġorna nhar l-Erbgħa. Però xorta ma ntlaħaqx qbil dwar dan. Għedtlu wkoll bid-diffikultajiet amministrattivi dwar il-Ħamis għaliex il-Prim Ministru, il-Viċi Prim Ministru u ministri oħrajn ikunu għadhom qed jirritornaw u għandhom skeda mimlija xogħol u impenji. Apparti minn hekk il-Ħamis hemm numru ta' membri parlamentari minn din in-naħa, kif ukoll ministri u segretarji parlamentari, li qegħdin jattendu xogħol ieħor u għaldaqstant ma jkunux preżenti għad-diskussjoni. Jiena xorta qiegħed noffri lill-Oppożizzjoni li minflok fil-11 ta' Frar niltaqgħu fid-9 ta' Frar."

Hawnhekk reġa' qam l-Onor. David Agius fejn is-Sejda tatu l-kelma u qal hekk:

> "Sur President, m'hemmx qbil li niltaqgħu fid-9 ta' Frar, imma aħna rridu niltaqgħu meta l-i*Standing Orders* jgħidu b'mod ċar li nhar ta' Ħamis ikun xogħol iddedikat għall-Oppożizzjoni. Sur President, nirreferik ukoll għal żewġ *rulings* li inti tajt, deċiżjoni 27 tas-Seduta 178 tas-16 ta' Lulju 2014, u anke r-*ruling* 28 tas-Seduta 179 tas-17 ta' Lulju 2014. Nitlob ukoll li tara *Standing Order* 8 li tgħid li l-Parlament jiltaqa' nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis ... Fil-fatt subartiklu 8 (2) jgħid hekk:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-ordni permanenti 7(3) xogħol ta' membri privati jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern kull nhar ta' Ħamis alternattiv li fih tagħmel seduta l-Kamra."

L-aħħar darba li ltaqa' nhar ta' Ħamis il-Parlament iddibatta xogħol tal-Gvern u issa ovvjament il-Ħamis li ġej ikun ifisser li jkun xogħol tal-Oppożizzjoni. Għalhekk, Sur President, nitolbok *ruling* dwar dan."

Hawnhekk is-Sedja rringrazzjat liż-żewġ kelliema u qalet li r-*ruling* se jingħata fil-ħin opportun kif effettivament qed jingħata fis-Seduta tal-lum.

Il-kwestjoni kollha qiegħda dwar l-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 8, kemm is-subparagrafu (1) kif ukoll is-subparagrafu (2). Wieħed irid jgħid li fuq dan l-Ordni Permanenti ngħataw diversi *rulings* li jmorru lura kemm għar-*rulings* li kien ta l-iSpeaker Louis Galea fis-Seduta 75 tas-26 ta' Jannar 2009, ir- *ruling* li ta l-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta 315 tad-19 ta' Frar 2011, kif ukoll mis-Sedja preżenti li tat żewġ *rulings* fuq dan l-Ordni Permanenti fis-Seduta 178 tas-16 ta' Lulju 2014, u fis-Seduta 179 tas-17 ta' Lulju 2014.

Jidher ċar minn dawn ir-*rulings* li l-prerogattiva tal-aġġornament tax-xogħol tal-Kamra hija dejjem f'idejn il-Gvern, liema prerogattiva toħroġ ukoll mill-istess qari tal-Ordni Permanenti 8(1) li jibda billi jgħid "Kemm-il darba l-Kamra ma tordnax xort'oħra". Meta jkun hemm l-aġġornament għall-jum tal-Ħamis, allura l-Oppożizzjoni u Membri privati, għandhom id-dritt li jressqu x-xogħol tagħhom f'dik is-seduta, jekk kemm-il darba l-aħħar darba li tkun saret seduta l-Ħamis ikun sar xogħol tal-Gvern. Effettivament jidher ċar ukoll li, kif qal tajjeb l-Onor. David Agius, peress li l-aħħar darba li saret seduta l-Ħamis, li kien fis-17 ta' Lulju 2014, kien sar xogħol tal-Gvern, jekk il-Gvern jaġġorna għall-ġurnata tal-Ħamis li ġej, jiġifieri l-5 ta' Frar 2015, tkun tista' tiġi diskussa l-mozzjoni 211 imressqa mill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Marthese Portelli, dwar dibattitu biex il-Gvern iraħħas minnufih il-prezzijiet tal-*petrol* u d-*diesel*.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tagħmel referenza għal proċedura tal-Parlament Ingliż fejn hemm dikjarat b'mod ċar allokazzjoni ta' numru ta' ġranet appożiti f'kull sessjoni għall-Oppożizzjoni biex hi tutilizza dawk il-ġranet għax-xogħol tagħha. Nikkowata minn *Standing Order* 14 tal-*House of Commons* Ingliż:

"14 *(1) Save as provided in this order, government business shall have precedence at every sitting.*
*(2) Twenty days shall be allotted in each session for proceedings on opposition business, seventeen of which shall be at the disposal of the Leader of the Opposition and three of which shall be at the disposal of the leader of the second largest opposition party; and matters selected on those days shall have precedence over government business ...*"

Dan huwa msaħħaħ ukoll mill-fatt li, kif jgħid l-*Erskine May 24 ed.* f'paġna 335:

> "*It has become practice in recent sessions for the leader of the second largest opposition party to put a portion of the three days at his disposal informally at the disposal of other opposition parties.*"

Is-Sedja tixtieq tirrimarka li kuntrarjament għal dak li jeżisti fl-i*standing orders* hawn fuq ċitati, fil-każ tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati ta' Malta din l-indikazzjoni ċara ta' ġranet allokati għall-Oppożizzjoni mhijiex tassattiva u dan minħabba prassi kostanti li ġiet adottata mill-Kamra għal numru ta' snin fir-rigward tal-ġranet li fihom jiltaqa' l-Parlament. Hawn se nikkwota lill-iSpeaker Louis Galea meta fir-*ruling* diġà ċitat hawn fuq fis-Seduta 75 tas-26 ta' Jannar 2009 kien iddeskriva tajjeb din il-prassi:

> "Is-Sedja tinnota li saret il-prassi kostanti li l-Kamra tiltaqa' regolarment it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa u li Ministru tal-Gvern jaġġorna l-Kamra ġeneralment għal waħda minn dawn il-ġranet, sakemm ma jkunx hemm ftehim differenti tal-Kamra dwar il-ġranet u l-ħinijiet meta tiltaqa'."

Minn dan joħroġ li l-interpretazzjoni ta' dak li jgħid l-Ordni Permanenti 8 dwar xogħol ta' membri privati li għandu jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern kull nhar ta' Ħamis alternattiv, u li kif diġà spjegat b'mod ċar fir-*rulings* li tat din is-Sedja kif ukoll f'*rulings* oħra li taw Speakers preċedenti kif diġà semmejt, dan huwa dejjem suġġett għall-aġġornament tal-Kamra li huwa dejjem dipendenti fuq il-Gvern.

Is-Sedja tħoss li għandha tirrimarka li mhijiex sodisfatta bir-regolamentazzjoni li teżisti llum u għaldaqstant effettivament tpoġġi r-responsabilità f'idejn il-Gvern tal-ġurnata biex kemm jista' jkun fil-futur qarib ikun hemm regolamentazzjoni aktar feliċi ta' kif jitmexxa dan il-Parlament. Fin-nuqqas ta' dan, is-Sedja m'għandhiex il-poteri proċedurali biex tara li mozzjoni sostantiva tkun tista' titqiegħed għad-diskussjoni f'ġurnata appożita għall-Oppożizzjoni meta dan mhuwiex definit b'mod ċar fl-Ordnijiet Permanenti. Dan qed jingħad għaliex f'kull *ruling* li ngħata minn din is-Sedja u minn Speakers preċedenti, l-applikazzjoni tal-Ordni Permanenti 8(2) tistrieħ dejjem fuq ftehim li jkun hemm bejn il-partijiet u fin-nuqqas ta' ftehim, l-allokazzjoni tas-seduta tal-Ħamis lill-Oppożizzjoni tkun applikata biss jekk il-Gvern jaġġorna għal dik il-ġurnata.

Fil-fatt, is-Sedja tagħmel ukoll referenza għal deċiżjoni li kien ta fis-Seduta 505 tat-8 ta' Ottubru 2012 l-iSpeaker preċedenti Michael Frendo fejn qal hekk:

> "Kull mozzjoni sostantiva, apparti dawk il-mozzjonijiet speċifiċi regolati mod ieħor, titqiegħed fuq l-O*rder Paper* jew mill-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra jekk ikun hemm ftehim, jew mill-Kap tal-Kamra skont il-prassi kostanti ta' dan il-Parlament.

> Dan huwa l-qafas regolatorju li ilu jiġi applikat f'din il-Kamra għal żmien twil u għal diversi leġiżlaturi. Għalhekk mozzjoni sostantiva ma tistax titqiegħed fuq l-aġenda tal-Kamra ħlief permezz ta' dawn il-metodi."

Is-Sedja tixtieq tirrimarka li qiegħda tieħu nota li minkejja n-nuqqas ta' ftehim bejn iż-żewġ naħat dwar is-seduta ta' nhar il-Ħamis, kif ukoll fin-nuqqas ta' opportunità li din il-kwestjoni tiġi diskussa f'laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, fis-Seduta tat-2 ta' Frar 2015 l-Onor. Godfrey Farrugia bħala *Whip* tal-Gvern ta l-kelma li l-Gvern lest li jiddiskuti din il-mozzjoni fl-ewwel opportunità wara l-aġġornament ta' nhar l-Erbgħa li ġej, jiġifieri t-Tnejn, 9 ta' Frar 2015.

Għalhekk, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li għalkemm it-talba tal-Oppożizzjoni li s-Seduta tal-Ħamis li ġej, f'każ li ssir, għandha tkun dedikata għax-xogħol tal-Oppożizzjoni, hija talba ġusta, fiċ-ċirkostanzi li jipprevalu u l-prassi li dejjem inżammet s'issa, kif jidher anke minn *rulings* preċedenti, kemm ta' din l-istess Sedja kif ukoll ta' Speakers differenti, kif ukoll fil-mankanza ta' ftehim min-naħa tal-partijiet, is-Sedja ma tistax *ex officio* tordna li l-Ħamis li ġej issir seduta appożita biex tiġi diskussa l-mozzjoni msemmija.